# Fil-Prim Awla tal-Qorti Civili

# Onorevoli Imhallef Albert J. Magri B.A., LL.D.

Seduta ta' nhar it-Tnejn 23 ta' April 2001

Citazzjoni numru 2256/98 AJM

Kawza numru

Hugh P. Zammit ghan-nom u in rappresentanza tal-kumpanija Galdes and Mamo Limited u din in rappresentanza tal-kumpanija assikuratrici estera Royal International Insurance Holdings Limited

Vs

John Mifsud u George Mifsud

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni ppresentata fit-3 ta' Novembru 1998 li permezz taghha l-attur wara li ppremetta li l-konvenut John Mifsud kien proprjetarju tal-vettura bin-numru tar-registrazzjoni A-1381 liema vettura kienet assikurata mas-socjeta' attrici – polza numru 30970502A1381; illi fil-21 ta' Novembru 1991 l-konvenut l-iehor George Mifsud kien involut f'incident awtomobilistiku ghal liema incident huwa nstab unikament responsabbli minn din l-Qorti fil-kawza fl-ismijiet "Emanuel Cardona vs

George Mifsud (Citazzjoni numru 1140/92 AJM deciza 29 ta' Jannar 1994) u gie kkundanat ihallas lil Emanuel Cardona is-somma ta' elfejn, mija u tnejn u erbghin lira maltin u ghoxrin centezimu (LM2142.20) bhala sorte u LM388.74 spejjes gudizzjarji skond taxxa hawn annessa u mmarkata Dok B, u LM985.40 bhala imghax skond l-imsemmija sentenza; illi l-fuq imsemmija kawza giet appellata mill-konvenut odjern George Mifsud liema appell mar dezert fl-1 ta' Lulju 1997; illi ai termini tal-artikolu 10 tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta, s-socjeta' attrici kienet tenuta li thallas lil Emanuel Cardona dawn 'l fuq imsemmija ammonti stante li kienet giet notifikata b'ittra ufficjali tas-7 ta' Ottubru 1993; illi s-socjeta' attrici fil-fatt hallset lil Emanuel Cardona is-somma ta' LM3516.34 ghas-saldu tas-sorte, spejjes u imghax legali hawn fuq imsemmija; illi l-konvenut George Mifsud ma kienx kopert bil fuq imsemmija polza ta' assikurazzjoni stante li kellu ghoxrin sena meta sehh l-incident in kwistjoni filwaqt li l-polza ta' assikurazzjoni kienet tkopri lil "the insured and any person aged twenty five or over only ..."; illi s-socjeta' attrici ai termini tal-artikolu 10 tal-Kap 104 u ai termini tal-polza ta' assikurazzjoni ghandha dritt iddur kontra l-assikurat taghha sabiex tiehu lura l-ammont minnha mhallas; talab li din il-Qorti:_

1. tiddikjara illi l-konvenut George Mifsud ma kienx kopert bil-polza ta' assikurazzjoni hawn fuq imsemmija;
2. tiddikjara li l-konvenut John Mifsud ippermetta lill-imsemmi George Mifsud isuq il-vettura hawn fuq imsemmija meta huwa ma kienx kopertb'polza ta' assikurazzjoni;
3. tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom jirrifondu lill-attur nomine s-somma ta' tlett elef, hames mija u sittax il-lira maltin u erbgha u tletin centezimu (LM3516.34) liema ammont huwa hallas lil Emanuel Cardona kif hawn fuq imsemmi.

Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tas-6 ta' Settembru 1994 u tal-mandat ta' qbid kawtelatorju u tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju ppresentati kontestwalment mac-citazzjoni u bl-imghax kontra l-konvenuti jew min minnhom li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni, l-lista tax-xiehda u d-dokumenti ezebiti mill-attur.

Rat in-nota tal-konvenuti presentata fis-26 ta' Jannar 2000 li permezz taghha eccepew:-

1. illi nkwantu jirrigwarda t-talba attrici fil-konfront tal-konvenut John Mifsud, dan ma ghandu jaghti xejn lis-socjeta' attrici stante illi kif gie stabilit permezz tas-sentenza citata mill-istess socjeta' attrici, ir-responsabilita' tal-incident indikat kienet biss ta' George Mifsud u ghaldaqstant l-azzjoni odjerna hija preskritta a tenur ta' l-artikolu 2153 tal-Kodici Civili u ghaldaqstant ghandu jigi liberat bl-ispejjes kontra s-socjeta' attrici.
2. Illi kwantu jirrigwarda l-konvenut l-iehor u cioe George Mifsud, dan ma ghandu l-ebda relazzjoni guridika mas-socjeta' attrici u ghaldaqstant ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjes kontra s-socjeta' attrici.

Rat id-dikjarazzjoni w l-lista tax-xiehda tal-konvenuti.

Rat il-verbal tal-udjenza tat-3 ta' Frar 2000 ta'din il-Qorti diversament preseduta meta l-kawza giet mibghuta quddiem din il-Qorti ghas-seduta tal-10 ta' April 2000 sabiex tigi trattata u deciza.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

Rat il-verbal ta' l-udjenza tat-2 ta' Frar 2001 meta l-kawza giet imhollija ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum bil-fakolta' lill-partijiet jippresentaw noti ta' osservazzjonijiet – liema noti ma sarux.

Ittrattat il-kawza.

Ikkunsidrat:-

Fl-1 ta' Frar 1991 s-socjeta' Galdes and Mamo Ltd, ghan-nom tas-socjeta' assikuratrici estera li tirrapresenta, fuq talba ta' John Mifsud, sid il-verttura numru A-1381, irrilaxxjat certifikat ta' assikurazzjoni numru 30970502A1381 li kien intenzjonat li jkopri l-imsemmija vettura waqt li din tinsaq mill-istess John Mifsud, huh George Mifsud ghal wara li jaghlaq il-21 sena u "any driver over 25 years driving on the insureds order or with his permission. Fl-applikazzjoni, li giet iffirmata mill-assikurat, d-data ta' twelid ta' huh George Mifsud giet indikata bhala 26 ta' Jannar 1971. B'dana li l-istess George Mifsud kien biss awtorizzat jsuq l-vettura in kwistjoni bil-kopertura imsemmija wara s-26 ta' Jannar 1992.

Fil-21 ta' Novembru 1991 sehh incident awtomobilistiku bejn il-vettura numru A-1381, li dak il-hin kienet tinsaq minn George Mifsud u l-vettura numru V-8716, proprjeta' ta' u misjuqa minn Emanuel Cardona. Bhala rizultat ta' dan l-incident ittiehdu proceduri legali kontra l-imsemmi George Mifsud u finalment b'sentenza ta' din il-Qorti tat-28 ta' Jannar 1994, l-imsemmi George Mifsud gie kkundannat ihallas lil Emanuel Cardona s-somma ta' elfejn mija tnejn u erbghin lira maltin u ghoxrin centezimu (LM2142.20) oltre l-imghax legali mid-data tan-notifika tac-citazzjoni u l-ispejjes kollha tal-istess proceduri. Din is-sentenza giet

appellata izda giet dikjarata dezerta f'Lulju 1997 u ghalhekk ghaddiet in gudikat.

Fit-23 ta'Ottubru 1997 is-socjeta' attrici, wara li giet interpellata mid-difensur ta' Emanuel Cardona b'ittra tad-29 ta' Settembru ta' l-istess sena, hallset in sodisfazzjoni tal-obbligi taghha taht l-imsemmija polza, is-somma komplessiva ta' tlett elef hames mija u hmistax'l lira maltin erbgha u sebghin centezimu (LM3515.74) komprizi sorte, spejjes u imghax, kif jidher mill-covering letter bid-datat precitata.

Dan il-pagament, kif sewwa spjega Hugh Zammit, rappresentant tas-socjeta' attrici, kien gie effettwat in forza tal-provedimenti tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta billi s-socjeta' attrici, bhala *insurer concerned* kellha tonora l-obbligi naxxenti mill-polza minnha mahruga favur terzi a termini ta' l-artikolu 12 tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta.

B'dawn il-proceduri, li gew istitwiti kontra l-assikurat u l-persuna li rrekat id-dannu, s-socjeta' assikuratrici qedha titlob li tigi rimborsata l-ammonti minnha mnhallsa.

Ikkunsidrat:-

Ma hemmx dubbju u lanqas ma hu kkontestat li l-incident li ta' lok ghad-danni fuq imsemmija sehh waqt li l-vettura assikurata mas-socjeta' attrici kienet misjuqa minn persuna li l-kopertura fil-konfront taghha kienet ristretta b'referenza ghal eta' taghha. Infatti kif gja rajna l-polza kienet tirrikjedi li sabiex George Mifsud jkun jista' juza l-vettura koperta bil-polza imsemmija, kellu qabel xejn jghalaq l-eta' ta' wiehed u ghoxrin sena. Isegwi li l-"authorised insurer" li jkun ssodisfa l-obbligi tieghu

skond il-ligi, jkun intitolat jiehu lura minghand l-assikurat "kull somma mhallsa minnu biex tigi sodisfatta, f'kollox jew f'parti, ir-responsabbilita' ta' persuna koperta bil-polza."

Il-persuna koperta' bil-polza fid-data tal-incident kienet John Mifsud jew kull persuna ohra li tkun fuq il-hamsa u ghoxrin sena u qed issuq il-vettura tieghu "on the insured's order or his permission." Il-konvenut George Mifsud qatt ma seta' kien kunsidrat bhala assikurat billi hemm eskluzzjoni specifika 'bil-kwalifika ta' l-eta' fil-konfront tieghu. Ghalhekk ir-responsabbilita' ghar-risarciment taqa' fuq John Mifsud qua policy holder.

Il-konvenut John Mifsud qed jeccepixxi li huwa ma ghandu jaghti xejn lis-socjeta' attrici stante li kif gie stabbilit permezz tas-sentenza citata mill-istess socjeta' attrici, ir-responsabbilita' tal-incident indikat kienet biss ta' George Mifsud u ghaldaqstant l-azzjoni hija preskritta a tenur ta' l-artikolu 2153 tal-Kap 16.

F'dan ir-rigward ghandu jigi osservat li r-responsabbilita' ghar-risarciment ta' danni mhallsa mill-assikurazzjoni a termini tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta mhux relatat mar-responsabbilita' ghall-akkadut. Izda l-obbligu tal-hlas lura ta' ammonti mhallsa mill-assikurazzjoni jitwieled minn inadempjenza kuntrattwali nkwantu l-assikurat, li jkun intrabat mal-assikurazzjoni li josserva l-obbligi imposti fuqu bhala kondizzjoni tal-hrug tal-polza, jonqos li jaghmel dan. Fil-kaz in ezami l-konvenut John Mifsud, qua proprjetarju u assikurat, assuma l-obbligu li ma jhallix lill-huh George jsuq il-vettura tieghu qabel ma dan jghalaq il-wiehed u ghoxrin sena. Kif irrizulta l-incident sehh meta l-vettura kienet qed tinsaq minn George Mifsud bil-permess ta' huh,

l-assikurat, u qabel ma dan kien jikkwalifika skond l-kondizzjonijiet tal-polza. Ir-radd lura tal-flus imhallsa mis-socjeta' attrici huwa bazat fuq dan in-nuqqas jew ksur ta' kuntratt. Ghalhekk il-kwistjoni ta' minn ikkaguna d-danni originarjament fl-incident awtomobilistiku, ma ghandhix rilevanza ghal kawza odjerna.

Illi d-dritt tal-attur naxxenti mill-artikolu 12 tal-Kap 104 jitwieled mal-mument li jsir il-pagament lit-terz konsegwenti l-otteniment ta' sentenza u mhux qabel. Ghalhekk d-dritt ta' l-attur qatt ma jista' jigi marbut, ghal fini ta' preskrizzjoni, mad-data tal-incident awtomobilistiku.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-Qorti filwaqt li tilqa' l-eccezzjoni ta' George Mifsud billi tiddikjara li dan ma ghandu ebda relazzjoni guridika mas-socjeta' attrici u ghalhekk tilliberah mill-osservanza tal-gudizzju, tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut John Mifsud u konsegwentment filwaqt li tilqa' t-talbiet attrici fil-konfront tieghu, tikkundanna lill-istess John Mifsud jhallas u jirrifondi lis-socjeta' attrici s-somma ta' tlett elef hames mija u hmistax'l lira erbgha u sebghin centezimu (LM3515.74) bl-imghax legali mid-data tan-notifika tac-citazzjoni.

Bl-ispejjes kollha kontra l-konvenut John Mifsud.